MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2013

Numru. 410/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**Peter Carabott**

**Kumpilazzjoni Nru: 410/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Peter Carabott, ta' 52 sena, bin Charles u Elizabeth nee' Calleja, imwieled Birkirkara fid-9 ta' Lulju, 1958 u residenti fil-fond numru 24, Triq it-Tigan, Attard u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 516258(M).

a. Akkuzat talli minn Triq il-Lvant, il-Belt Valletta, xi hin filghodu nhar l-24 ta’ Jannar, 2003, ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Peugeot 406 bin-numru ta’ registrazzjoni BBN 537 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u sar ghad-dannu ta’ Philip Sapiano u/jew persuna ohra;
b. U aktar talli fl-24 ta’ Jannar, 2003 u fix-xhur ta’ wara din id-data, f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa (vettura tat-tip Peugeot 406 li l-valur taghha huwa ta’ aktar minn €2,329.37), mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun ndahal biex ibieghhom jew imexxihom;
c. U aktar talli fl-24 ta’ Jannar, 2003 u fix-xhur ta’ wara din id-data, f’dawn il-gzejjer, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b’xi mod li jkun baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru ta’ l-identifikazzjoni ta’ chassis jew makna ta’, jew fuq vettura bil-mutur u cioe’ billi wahhal numru tac-chassis falz jaqra VF38BP8CE80228124 fuq vettura tal-marka Peugeot 406 bin-numru tac-chassis originali jaqra VF38BP8CE80219688 u bin-numru ta’ registrazzjoni originali ABI 421.
d. U aktar talli kiser il-provedimenti ta’ l-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza datata 9 ta’ Marzu, 2001 fejn kien misjub hati ta’ reat u illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
1. 20, 216(b)(c)(g), 263, 267, 271, 278, 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. 91(1)(a) ta’l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 (LS65.11);
4. 10 tal-Kapitolu 152, illum 466, tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. 17, 20, 23, 23C, 31, 532C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputat me kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semeghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat.

Illi dan il-kaz jikkoncerna serq ta' vettura u l-bdil tac-chassis number taghha.

Illi f'l-24 ta' Jannar 2003 certu Philip Sapiano rrapporta li l-vettura tieghu, Peugeot 406 b'numru ta' registrazzjoni ABI 421, li kellha kulur maghruf bhala *palomino brown*, insterqet. Mill-provi prodotti jidher li din kienet l-unika karozza ta' dak li mudell impurtata f'Malta li kellha kulur *palomino brown*.

Illi jirrizulta ukoll li fis-6 ta' Jannar 2003 vettura ta' tip Peugeot 406 bajda nghatat in-nar, u garrbet hsarat fil-parti ta' quddiem taghha. Din il-vettura kienet tintuza bhala taxi b'numru ta' registrazzjoni BTY 069 minn certu Charles Tonna pero l-licenzja tat-taxi kienet f'isem certu John Mary Montebello. Permezz ta' ftehiem bejn Michael Attard Ltd, John Mary Montebello, Charles Tonna u Joseph Tonna (li huwa hu l-imsemmi Charles Tonna), dan Joseph Tonna xtara din il-vettura bil-hsara li kien fiha. Joseph Tonna ha l-vettura f'garaxx u hemm, flimkien ma' certu Joseph Sultana, kien ser jibda jsewwiha.

Illi Joseph Tonna jghid li ftit wara li akkwista l-Peugeot il-bajda u kien hadha fil-garaxx tieghu avvicinah l-imputat biex hu (cioe l-imputat) jixtri l-Peugeot il-bajda li kellha quddiem mahruq, pero Tonna ma ridx ibieghha. Ftit wara l-istess imputat rega' avvicina lill Tonna u din id-darba offrielu Peugeot ghall-bejgh; din kienet Peugot 406 kulur *palomino brown*; Joseph Tonna accetta li jixtri din il-vettura.

Illi skond Joseph Tonna l-imputat qallu li rid jinbidel ic-chassis number tal-Peugeot kulur *palomino brown* peress li kienet "klejmjata", u (dejjem skond Tonna) kien l-imputat li ha hsieb jibdel ic-chassis number billi qata' ic-chassis

number li kellha l-Peugeot il-bajda u qeghdu fil-Peugeot li kellha kulur *palomino brown*. Meta sar hekk Tonna, flimkien ma' Joseph Sultana, kompla billi pogga l-magna tal-Peugeot l-bajda f'dik *palomino brown* akkwistata minghand l-imputat li issa bdiet tintuza minn Tonna bin-numru ta' registrazzjoni BBN 537[1]. Tonna ha hsieb biex jitlob li fil-log book (tal-vettura bin-numru BBN 537) jigi registrat "*change of colour*" minn abjad ghal *palomino brown*.

Illi wara xi zmien Tonna iddecida li jibdel il-vettura fuq imsemmija; ghalhekk mar ghand dealer, Andew Debono, u partat il-Peugeot ma' van. Ftit ta' granet wara dan id-dealer (Anderew Debono) biegh il-Peugeot li kien akkwista minghand Tonna li certu Paul Caruana. Meta Paul Caruana ha l-vettura ghall-VRT fis-sena 2007 gie stabbililt li l-vettura kellha chassis number hazin; il-vettura giet sekwestrata. Saru diversi verifiki u gie stabbilit ukoll li din il-vettura kienet dik li nsterqet minghand Philip Sapiano f'l-24 ta' Jannar 2003. Dan gie stabbilit mhux biss mill-kulur, imma mis-serial number tar-radio u diversi dettalji ohra. Sar ezercizzju permezz ta'liema ingiebu l-*manufacturers data* taz-zewg vetturi imsemmija u giet ezaminata l-vettura li giet sekwestrata minghand Paul Caruana; permezz ta' diversi marki ta' identifikazzjoni gie stabbbilit li dik il-Peugeot li spiccat fil-pussess ta' Paul Caruana u li kellha numru ta' registrazzjoni BBN 537, fil-fatt kienet il-vettura li kien xtara Philip Sapiano u li kellha numru ta' registrazzjoni ABI 421. Paul Caruana intavola proceduri civili ghall-prezz tal-Peugeot minnu akkwistata.

Illi ta' l-involviment tieghu f'dan il-kaz Joseph Tonna tressaq il-Qorti u, fuq ammissjoni, nstab hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti m'hemm l-ebda dubbju li l-vettura li giet sekwestrata minghand Paul Caruana hija l-vettura li originarjament kienet ta' Philip Sapiano u nsterqet f'l-24 ta' Jannar 2003; hekk kif m'hemm l-ebda

[1] Dan kien in-numru ta' registrazzjoni tal-Peugeot il-bajda sa kemm ma kenitx qed tintuza bhala taxi.

dubbju li din il-vettura misruqa minghand Sapiano nbidlilha ic-chassis number u n-numru ta' registrazzjoni, u li dawn (in-numru ta' registrazzjoni u c-chassis number) kienu tal-Peugeot il-bajda li originarjament kienet tintuza bhala taxi minn Charles Tonna u li nxtrat minn Joseph Tonna. Lanqas m'hemm dubbju li Joseph Tonna kien jaf li t-tieni Peugeot li akkwista (cioe dik li kienet ta' Philip Sapiano) kienet misruqa u li gew sostitwieti c-chassis number u l-pjanci tal-Peugeot il-bajda ma' dawk tal-*palomino brown*.

Illi l-punt in kontestazzjoni f' dan il-kaz huwa l-involviment ta'l-imputat odjern f'dawn il-fatti kollha. Sa' mill-ewwel stadji ta'l-investigazzjoni l-imputat cahad kwalunkwe involviment. Il-pulizija pero, a bazi ta'l-informazzjoni lilhom mghotija minn Joseph Tonna mexxew bil-proceduri odjerni kontra Peter Carabott.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali huma: serq tal-vettura ta' tip Peugeot b'numru ta' registrazzjoni BBN 537; ricettazzjoni ta' vettura ta' tip Peugeot 406; bdiel mekkaniku fic-chassis tal-vettura bin-numru BBN 537 minghajr l-awtorizzazzjoni ta'l-awtorita kompetenti; u ta' ksur ta' liberta kondizzjonata.

Illi kif gustament issottomettew il-partijiet dan il-kaz jistrih kwazi esklussivament fuq il-kredibilita tax-xhud Joseph Tonna. Id-difiza tissottometti li Joseph Tonna mhux xhud kredibbli u d-depozizzjoni tieghu ghandha tigi skartata. Il-prosekuzzjoni min-naha l-ohra tghid li ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn Tonna, li ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu dwar dan il-kaz, kellu jigbed fuq l-imputat; fi kwalunkwe kaz, tkompli tissottometti l-prosekuzzjoni, huwa kien konsistenti fil-verzjoni tieghu kull darba li huwa rrakkonta l-fatti ta' dan il-kaz.

Illi l-Qorti kellha l-opportunita li tara u tisma lil Joseph Tonna jixhed kemm bhala xhud tal-prosekuzzjoni kif ukoll meta rega ingieb, zmien wara, fuq talba tad-difiza ghall-

kontroezami. Il-Qorti hija konvinta li Joseph Tonna kien qed jghid il-verita. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li waqt il-kontro ezami Joseph Tonna ammetta li huwa kien ha gurament falz quddiem il-Qorti fil-proceduri civili li kien intavola Paul Caruana wara li giet sekwestrata l-vettura. Joseph Tonna inizjalment (u fil-kors ta' dawk il-proceduri) kien qed jichad li huwa kellu xi involviment pero eventwalment iddecieda li jghid il-verita u jammetti kollox anke mal-pulizija.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar serq tal-Peugoet 406 b'numru ta' registrazzjoni BBN 537.

Illi skond ic-citazzjoni permezz ta' din l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ta' serq "*minn Triq il-Lvant il-Belt Valletta ... nhar l-24 ta' Jannar 2003 ... tal-vettura ta'l-ghamla Peugeot 406 b'numru ta' registrazzjoni BBN 537"*. Pero mill-provi prodotti (u hawn aktar 'l fuq elenkati) jirrizulta li nhar l-24 ta' Awissu 2003 ma nsterqitx il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBN 537 minn Triq il-Lvant il-Belt Valletta, imma l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABI 421. Konsegwentement l-imputat qatt ma jista' jinstab hati tas-serq kif lilu addebietat.

Illi l-istess, pero, ma jistax jinghad ghall-imputazzjoni dwar r-ricettazzjoni tal-vettura ta' tip Peugeot 406 kif dedotta fic-citazzjoni [2].

Illi l-principji regolaturi in tema ta' ricettazzjoni huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Skond il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza mghotija fil-15 ta' Jannar 2009 fil-kawza Il-Pulizija vs Darren Debono ntqal hekk:

---

[2] Ghandu jigi rilevat li, a differenza ta'l-ewwel imputazzjoni, it-tieni imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni tirreferi ghal ricettazzjoni ta' vettura ta' tip Peugeot minghajr ma tispecifika n-numru ta' registrazzjoni; ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni biex tiehu din l-imputazzjoni in konsiderazzjoni in kwantu tirreferi ghar-ricettazzjoni tal-vettura ta' tip Peugeot 406 li ghandha numru ta' registrazzjoni ABI 421.

*Illi skond il-gurisprudenza sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*
*1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*
*2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*
*3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima" [25.10.2002])*

*L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. John Briguglio" [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-*

*"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

*Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f' pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Briguglio" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. John Dimech" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. George Tabone" [24.6.1961] u "Il-Pulizija vs. Tancred Borg" [26.10.1998]).*

*S' intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. "Il-*

*Pulizija vs. Joseph Piscopo" [21.3.1953]; "Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb" [16.12.1998] u ohrajn)*

*Kif jghid il-KENNY:*

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them."*

*Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[26.8.1998]); it-teorija Ingliza "of unlawful possession of recently stolen goods" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' "law of evidence" il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti. F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-*

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence,5th. ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing*

*them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence." (ara ukoll f' dan is-sens :"Il-Pulizija vs. Carmel Debono" [1.11.1996], "Il-Pulizija vs Richard Spiteri" [31.8.2006] u ohrajn).*

Illi kif diga ntqal aktar 'l fuq il-Qorti hija konvinta li ngiebu provi sufficjenti li juru li ftit granet wara li nsterqet minghand Philip Sapiano, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABI 421 giet fil-pussess ta'l-imputat; ingiebu provi suffficjenti ukoll li hu biegh din il-vettura lil Joseph Tonna. In oltre hemm provi sufficjenti li l-imputat mhux biss qal lil Tonna li jrid jinbidel ic-chassis number tal-vettura in ezami imma kien addirittura hu li qala ic-chassis number tal-Peugoet l-bajda (numru BBN 537) u qeghdu minflok dak tal-Peugeot kulur *palomino brown* (numru ABI 421). Dan necessarjament ghandu jwassal ghall-konkluzzjoni li l-imputat kien jaf li l-vettura (Peugeot *palomino brown* numru ta' registrazzjoni ABI 421) li kienet fil-pussess tieghu kienet misruqa.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li l-imputat m'offra l-ebda spjega ta' kif dik il-vettura setghet giet fil-pussess

tieghu b'mod legittimu l-Qorti hija sodisfatta li t-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni giet sodisfacjentement pruvata.

Ikkunisdrat

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ta'l-Avukat Generali tirreferi ghar-reat kontemplat fir-regolament 91(1)(a) ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 (LS65.11) u dan (ai termini tat-tielet imputazzjoni kif dedotta fic-citazzjoni) b'referenza ghan-numru ta'l-identifikazzjoni tac-chassis *u cioe' billi wahhal numru tac-chassis falz jaqra VF38BP8CE80228124 fuq vettura tal-marka Peugeot 406 bin-numru tac-chassis originali jaqra VF38BP8CE80219688 u bin-numru ta' registrazzjoni originali ABI 421*.

Illi dan ir-regolament, 91(1)(a) ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994, illum jipprovdi hekk:

*91.(1)* *Ebda persu*

*(a) taghmel, jew tordna jew iggieghel li jsir xi tibdil fil-body, inkluz kemm jistghu jitghabbew passiggieri bil-qieghda jew l-arrangamenti tas-sedili tal-passiggieri,* ***jew xi tibdil mekkaniku fix-chassis***[3] *jew fil-makna ta' xi vettura bil-mutur;*

*Izda ghall-fi*

Illi skond ir-regolament 2 ta' l-Avviz Legali in ezami il-kelma *"Awtorità" tfisser l-Awtorità ghat-Trasport f 'Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f 'Malta, u l-kelma "Awtorità" ghandu jkollha, sakemm il-kuntest ma jurix xort'ohra, l-istess tifsira*.

Illi fis-sena 2003, meta sehhew il-fatti li a bazi taghhom l-imputat qed jigi addebietat b'l-imputazzjoni issa in ezami, dan ir-regolament kien jipprovdi hekk:

---

[3] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[4] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*Ebda persuna ma tista' minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija jew, fil-kaz ta' vetturi tat-trasport pubbliku, ta' l-Awtorita dwar it-Trasport Pubbliku -*
*(a) taghmel, jew tordna jew iggieghel l-eghmil ta',* ***xi tibdil fil-****body,* ***chassis***[5] *jew makna ta' xi vettura bil-mutur;…*

Illi fil-fatt ir-regolament 91(1)(a) ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 gie emendat permezz tar-regolament 6 ta'l-Avviz Legali 3 tas-sena 2007. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri sehhew fis-sena 2003 fil-waqt li c-citazzjoni odjerna fil-konfront ta'l-imputat giet prezentat fir-Registur ta' din il-Qorti fis-26 ta' April 2010. Ghalhekk meta sehhew il-fatti inkriminanti kienet ghadha in vigore l-verzjoni precedenti ta'l-imsemmi regolament.

Illi huwa car mit-test taz-zewg verzjonijiet tar-regolament in ezami li r-reat kontemplat wara l-emenda tas-sena 2007 huwa differenti minn dak originarjament kontemplat. Fil-fehma tal-Qorti fil-verzjoni originali tieghu dan ir-regolment kien ferm aktar wiesgha u kien ikopri kwalunkwe tibdil fil-body, chassis u makna ta' vettura bil-mutur. Illum dak li huwa meqjus bhala reat (ghal dak li jikkoncerna ic-chassis) huwa biss **tibdil mekkaniku**.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat ghamel xi tibdil mekkaniku fic-chassis. Dak li gie pruvat huwa li l-imputat biddel in-numru ta'l-identifikazzjoni tac-chassis, cioe biddel in-numru ta'l-identifikazzjoni tac-chassis tal-Peugeot bin-numru ABI 421 ma' dak tal-Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni BBN 537. Dan il-fatt kien jikkostitwixxi reat skond ir-regolament 91(1)(a) qabel ma gie emendat fis-sena 2007, pero ma jistghax jitqies bhala tibdil mekkaniku kontemplat f'l-istess regolament kif sussegentement emendat.

Illi dan ifisser li ai fini tar-regolament 91(1)(a), li, skond in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali, fuqu qed tigi bazata t-tielet imputazzjoni addebietata lill-imputat, il-fatt kommess mill-imputat illum m'ghandux

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.

jikkostitwixxi reat. Konsegwentment il-Qorti ma’ tistax issib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ikkunisdrat

Illi r-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar ksur ta’ liberta kundizzjonata. Jidher li l-prosekuzzjoni qed tibbazi din l-imputazzjoni fuq l-allegazzjoni li fid-9 ta’ Marzu 2001 inghatat sentenza fil-konfront ta’l-imputat permezz ta’ liema huwa instab hati ta’ reati migjuba kontra tieghu u gie liberat bil-kundizzjoni li ma’ jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Illi pero l-prosekuzzjoni naqset li tipprezenta s-sentenza relattiva u ghalhekk hija mankanti l-prova in sostenn ta’ din l-imputazzjoni mill-liema l-imputat necessarjament ghandu jigi liberat.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat qed jinstab hati ta’ ricettazzjoni ta’ haga misruqa u ghalhekk il-piena li ghandha tinghata hija dik kontemplata ghas-serq tal-vettura skond il-valur taghha.

Illi l-unika prova li tista’ titfa’ xaqq ta’ dawl fuq il-valur tal-Peugeot li l-imputat biegh lil Joseph Tonna huwa il-prezz taghha kif miftiehem bejniethom cioe elf u mitejn Liri Maltin (Lm1,200) illum ekwivalenti ghal elfejn sebgha mija hamsa u disghin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€2795.29). Ghalhekk m’ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-valur ta’ din il-vettura kien jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li konsegwentement il-piena applikabbli hija dik kontemplata f’l-artikolu 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u taghha tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett (3) snin. Peress li l-imputat mhux qed jinstab hati ta' reati li dwarhom saru l-inkjesti (l-atti ta' liema huma esebieti in atti) il-Qorti mhux qed tikundannah ihallas spejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti hemm imsemmija.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------